PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 32

L-Erbgħa, 4 ta' Novembru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

LIVELLI MQF – METODOLOĠIJA

328. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-metodoloġija użata biex jiġi assenjat il-livell MQF lill-istudenti?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li infurmat li l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 607.01, ir-Regolamenti dwar il-Qafas Malti tal-Kwalifiki għal Tagħlim Tul il-Ħajja, tistabbilixxi l-qafas regolatorju li abbażi tiegħu jiġu klassifikati l-kwalifiki u r-rikonoxximenti li jistgħu jingħataw permezz ta' tagħlim formali, mhux formali u informali. Dan il-qafas regolatorju huwa bbażat fuq id-deskritturi tal-livelli fi ħdan il-Qafas Malti tal-Kwalifiki, magħruf bħala l-MQF.

Ninsab infurmat li l-livelli fi ħdan l-MQF huma marbuta ma' deskritturi li jirriflettu l-livell ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi tal-individwu. Għaldaqstant, ninsab infurmat li l-klassifikazzjoni fi ħdan l-MQF ma għandhiex titqies bħala sempliċi numru jew livell assenjat lill-istudent, iżda għandha tinftiehem fil-kuntest tal-kwalifika jew tar-rikonoxximent li jkun inkiseb u tal-livell ta' tagħlim li dik il-kwalifika tirrappreżenta.
Infurmat li r-regolamenti jiddefinixxu wkoll l-"eżitu tat-tagħlim" bħala dikjarazzjoni li tiddefinixxi dak li persuna li tkun qed titgħallem tkun taf, tifhem u tkun kapaċi tagħmel meta ttemm il-proċess ta' tagħlim. Għalhekk, l-eżiti tat-tagħlim huma element importanti biex wieħed jifhem kif kwalifika jew rikonoxximent jiġi relatat ma' livell partikolari fi ħdan il-Qafas Malti tal-Kwalifiki.

Il-Kapitolu 607, l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, jiddefinixxi wkoll l-akkreditament bħala l-approvazzjoni formali mill-awtorità kompetenti li, fost affarijiet oħra, programm edukattiv marbut ma' livelli fi ħdan l-MQF jilħaq l-istandards ta' kwalità. Dan ifisser li l-livell tal-MQF għandu jitqies fil-kuntest usa' tal-programm edukattiv, tal-kwalifika u tal-istandards ta' kwalità applikabbli.
Għalhekk, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn il-livell tal-istudent u l-livell tal-kwalifika. Fil-prattika tal-qafas regolatorju, dak li jkun klassifikat jew marbut ma' livell tal-MQF huwa l-programm, il-kwalifika jew ir-rikonoxximent rilevanti. L-istudent, min-naħa tiegħu, jikseb dik il-kwalifika jew dak ir-rikonoxximent wara li jkun temm il-perkors edukattiv rispettiv. Dan huwa konsistenti mal-mod kif il-leġiżlazzjoni tiddefinixxi l-qafas bħala wieħed għall-klassifikazzjoni tal-"kwalifiki u r-rikonoxximenti".

Barra minn hekk, il-Kapitolu 607 jagħmel distinzjoni bejn edukazzjoni avvanzata u edukazzjoni ogħla b'riferiment dirett għal-livelli tal-MQF. L-edukazzjoni avvanzata hija definita bħala tagħlim formali mhux obbligatorju li jwassal għal kwalifika nazzjonali klassifikata sa u nkluż il-livell 4 tal-MQF, filwaqt li l-edukazzjoni ogħla tirreferi għal tagħlim formali mhux obbligatorju jew riċerka li twassal għal kwalifika nazzjonali fil-livell 5 tal-MQF jew ogħla, jew kwalifika barranija f'livell komparabbli.
Għaldaqstant, meta student itemm b'suċċess programm ta' studju u jikseb il-kwalifika jew ir-rikonoxximent rispettiv, il-livell MQF assoċjat miegħu jirrifletti l-livell li fih tkun ġiet klassifikata dik il-kwalifika jew dak ir-rikonoxximent skont il-qafas regolatorju applikabbli.

Dan il-qafas għandu l-għan li jipprovdi struttura għall-klassifikazzjoni tal-kwalifiki u r-rikonoxximenti, inkluż dawk miksuba permezz ta' tagħlim formali, mhux formali u informali, fuq il-bażi tad-deskritturi tal-livelli stabbiliti fil-Qafas Malti tal-Kwalifiki.

Għaldaqstant, il-metodoloġija ma tikkonsistix f'assenjazzjoni arbitrarja ta' livell lil student individwali, iżda fil-klassifikazzjoni tal-kwalifika jew tar-rikonoxximent skont il-qafas regolatorju u d-deskritturi tal-MQF, filwaqt li jitqiesu l-għarfien, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-eżiti tat-tagħlim marbuta magħhom. L-aspett regolatorju għandu rwol important anki meta nikkunsidraw programmi akkreditati mhux formali li jingħataw Kwalifika ta' MQF. Dawn il-programmi jridu jsegwu struttura stabbilita ta' skrutinju u evalwazzjoni regolatorja.
B'hekk, infurmat li student jikseb kwalifika jew rikonoxximent fil-livell MQF rispettiv skont il-perkors edukattiv li jkun segwa u temm, u skont ir-rekwiżiti tal-programm u tal-kwalifika rispettiva.

Seduta Numru 32
04/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – EDUKAZZJONI OBBLIGATORJA – STUDENTI LI MA KISBUX LIVELL MQF

329. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' studenti li temmew l-edukazzjoni obbligatorja mingħajr ma kisbu MQF Level 1 jew ogħla fis-sena skolastika 2025-2026?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li minn 4,381 student, in-numru ta' studenti li temmew l-edukazzjoni obbligatorja mingħajr ma kisbu MQF Livell 1 jew ogħla fis-sena skolastika 2025-2026 fil-Kwalifika ta' Tmiem l-Edukazzjoni Sekondarja (SSQ&P) jammonta għal 743. B'hekk nistgħu ninnutaw li l-ammont ta' studenti li ma kisbux MQF Livell 1 jew ogħla naqas mis-snin preċedenti.

Seduta Numru 32
04/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – STUDENTI LI MA KISBUX LIVELL MQF

330. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra n-numru ta' dawk l-istudenti li ma kisbu l-ebda livell MQF fis-sena skolastika 2025-2026, maqsuma skont is-sess, il-lokalità u t-tip ta' skola li attendew?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-informazzjoni qeda kif tidher hawn taħt.

2025-2026			
MQF Livell 3	MQF Livell 2	MQF Livell 1	Ebda Livell
3264	**367**	**7**	**743**

Seduta Numru 32
04/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – STUDENTI LI MA KISBUX LIVELL MQF – MIŻURI

331. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu biex dawk l-istudenti li ma kisbu l-ebda livell MQF fis-sena skolastika 2025-2026, ma jispiċċawx barra mis-sistema edukattiva jew mis-suq tax-xogħol?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li kull student ikollu l-opportunità jilħaq il-potenzjal tiegħu u jkompli javvanza fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew fid-dinja tax-xogħol. Għalhekk, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport qed jadotta approċċ ibbażat fuq il-prevenzjoni, l-intervent u l-kumpens biex inaqqas l-Early Leaving from Education and Training (ELET), iżid il-kisba ta' kwalifiki u jsaħħaħ it-tranżizzjoni lejn edukazzjoni ulterjuri u l-impjieg.

Fost il-miżuri ta' kumpens hemm l-Alternative Learning Programme (ALP), il-klassijiet ta' reviżjoni mingħajr ħlas, il-programm GEM16+, il-korsijiet tad-Direttorat għat-Tagħlim tul il-Ħajja, il-foundation programmes u l-vocational pathways tal-MCAST, kif ukoll l-Istitut għat-Trades li joffri taħriġ f'snajja' u professjonijiet tekniċi. Barra minn hekk, in-National Skills Strategy 2026–2035 qed issaħħaħ il-ħiliet meħtieġa għall-ekonomija tal-futur u r-rabta bejn l-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol, filwaqt li Working Group dwar il-Post-Compulsory Education qed jevalwa u jsaħħaħ il-provvista ta' second chance education.

Madankollu, il-prijorità ewlenija tibqa' l-prevenzjoni u l-intervent bikri permezz ta' investiment fil-kwalità tat-tagħlim, l-appoġġ lill-edukaturi u lill-istudenti, is-servizzi ta' gwida, il-kollaborazzjoni mal-familji u sistemi ta' monitoraġġ bikri. Dan l-approċċ qed jgħin biex aktar studenti jibqgħu fl-edukazzjoni, jiksbu kwalifiki ogħla u jidħlu fid-dinja tax-xogħol b'ħiliet adattati għall-ħtiġijiet tal-pajjiż.

Seduta Numru 32
04/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – STUDENTI LI MA KISBUX LIVELL MQF – ISTITUZZJONIJIET POST-SEKONDARJI U KORSIJIET VOKAZZJONALI

332. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawk l-istudenti li ma kisbu l-ebda livell MQF fis-sena skolastika 2025-2026 qed ikomplu jistudjaw f'istituzzjonijiet post-sekondarji jew f'korsijiet vokazzjonali?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat illi n-numru ta' studenti full-time ġewwa l-MCAST li waqfu mill-istudji tagħhom matul is-sena akkademika 2025–2026 (sa nofs Ġunju 2026), u li sa nofs Settembru 2026 applikaw għal kors full-time għas-sena akkademika 2026–2027, huwa ta' 132.

Seduta Numru 32
04/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – LIVELL SEC – PASS WIEĦED

333. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm studenti kisbu mill-inqas pass wieħed fil-livell SEC (O Level) fis-sena skolastika 2025-2026?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li n-numru ta' kandidati li kisbu mill-anqas 'pass' wieħed fis-sena skolastika 2025-2026 huwa 4822.

Seduta Numru 32
04/11/2026

KSUR TA' PROTECTION ORDERS/TEMPORARY PROTECTION ORDERS

2048. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew akkużati u kemm ġew ikkundannati persuni fuq ksur ta' Protection Order jew Temporary Protection Order mill-2015 sal-aktar data riċenti, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi lill-Ministru kkonċernat l-ewwel parti tal-mistoqsija, filwaqt li ninforma lill-Onor Interpellant li l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżomx statistika dwar it-tieni parti tal-mistoqsija.

Seduta Numru 32
04/11/2026

ELECTRONIC MONITORING ORDERS

2049. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu Electronic Monitoring Orders (electronic tagging) minn meta daħlet fis-seħħ il-liġi sal-aktar data riċenti?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 32
04/11/2026

PANIC ALARMS ALLOKATI

2050. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew allokati panic alarms lil vittmi ta' vjolenza domestika minn meta ġie introdott sal-aktar data riċenti?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 32
04/11/2026

PANIC ALARMS ATTIVATI

2051. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba ġie attivat panic alarm minn meta ġie introdott sal-aktar data riċenti u kemm minn dawn l-attivazzjonijiet wasslu għal intervent tal-Pulizija jew għal arrest?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 32
04/11/2026

KSUR TA' ELECTRONIC MONITORING ORDERS

2052. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ ta' ksur (breach) ta' Electronic Monitoring Orders ġie rreġistrat minn meta daħlet fis-seħħ is-sistema sal-aktar data riċenti?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 32
04/11/2026

DTU - PERSUNI RREĠISTRATI

2053. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irreġistrati persuni mad-Day Therapy Unit (DTU) matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l- Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja mhux responsabli mid-Day Therapy Unit (DTU).
Il-Unit imsemmi (DTU) jitmexxa minn entita mhux governattiva.

Seduta Numru 32
04/11/2026

PACEVILLE U N-NAXXAR - PROBLEMI STRUTTURALI FIL-BINJIET

2213. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu n-nuqqasijiet li setgħu ġew evitati u li rriżultaw fi problemi strutturali li seħħew fil-binjiet f'Paceville, Triq Paceville (fil-fond li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament) u fin-Naxxar (Triq il-Milizzja / l-area ta' Triq is-Seneskalk)? Jista' jassigura li dawn il-problemi strutturali jiġu evitati fil-futur? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultati tal-investigazzjonijiet li saru mill-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni (BCA) f'dawn iż-żewġ istanzi?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onorevol Interprellant, illi fiż-żewġ każijiet, l-Awtorità ingaġġat esperti tekniċi indipendenti sabiex jippreparaw rapporti dwar iċ-ċirkostanzi rispettivi, liema rapporti qed jiġu analizzati mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni. Nirrimarka li l-Awtorità aġixxiet b'mod tempestiv u responsabbli sabiex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tal-pubbliku, filwaqt li żgurat li r-residenti affettwati jibqgħu jingħataw l-assistenza u s-sostenn meħtieġa matul il-proċess kollu. Il-Ministeru, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Awtorità, jibqa' impenjat biex ikompli jsaħħaħ il-qafas leġiżlattiv u regolatorju ta' dan is-settur.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAJNUNA UMANITARJA MOGĦTIJA MINN MALTA - FONDI

2214. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid kemm tat fondi Malta f'għajnuna umanitarja lil pajjiżi oħra matul is-sena 2025?

24/07/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, skont id-data preliminari disponibbli, matul is-sena 2025 Malta rrapportat ammont totali ta' €4,156,131 f'assistenza u nefqa ta' natura umanitarja taħt il-klassifikazzjonijiet rilevanti tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) u tal-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD). Id-data għadha proviżorja u hija soġġetta għal diskussjoni u validazzjoni mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD).
Barra minn hekk, għandu jissemma s-sehem ta' Malta fil-*Ukraine Facility*, li jifforma parti mill-kontribut tal-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) permezz tal-Baġit Ġenerali tal-UE. Fl-2025, il-kontribuzzjoni ta' Malta lejn il-*Ukraine Facility* kienet tammonta għal €5,159,221.11. Parti minn dawn il-fondi huma allokati għal miżuri mmirati lejn il-mitigazzjoni tal-impatt umanitarju tal-gwerra fl-Ukrajna, kif ukoll għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u l-inklużjoni fis-soċjetà Ukrena.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAJNUNA UMANITARJA MOGĦTIJA MINN MALTA

2215. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jispeċifika liema pajjiżi bbenefikaw minn għajnuna umanitarja mogħtija minn Malta matul is-sena 2025 u kemm ġew mgħoddija fondi lil kull pajjiż?

24/07/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Hon. Interpellant illi l-ammonti li jkopru kontribuzzjonijiet u interventi umanitarji diretti, kif ukoll dawk imwettqa permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li saru fl-2025 jinsabu fit-tabella hawn taħt annessa.

Pajjiż jew kategorija benefiċjarja	Ammont preliminari
Varji – Allokazzjonijiet ta' nefqa umanitarja bhala s-sehem ta' Malta fl-UE	€3,090,000.00
Varji – Kontribuzzjonijiet lin-Nazzjonijiet Maqghuda ghall-azzjonijiet mirati f'pajjizi fi bzonn ta' ghajnuna umanitarja	€279,676.00
Ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża	€368,684.89
Jemen	€40,000.00
Kongo	€50,000.00
Ukrajna	€75,042.00
Ħaiti	€75,000.00
Sudan	€75,000.00
Pakistan	€20,000.00
Ġamajka	€35,000.00
Kuba	€35,000.00
Libja	€12,728.00

Seduta Numru 32
04/11/2026

STRATEĠIJA TAL-GVERN BIEX JISSAĦĦAĦ L-IRWOL TAL-KUNSILLI LOKALI

2216. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi l-istrateġija tal-Gvern biex jagħti iktar saħħa lill-kunsilli lokali biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tar-residenti b'mod effettiv?

24/07/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Il-Viżjoni Strateġika Nazzjonali għall-Gvern Lokali 2023-2030 hija mibnija fuq ideat u suġġerimenti ta' dawk li ta' kuljum jesperjenzaw il-bżonnijiet tal-lokalitajiet u r-residenti mill-qrib u għalhekk tagħti aktar saħħa lill-kunsilli lokali. L-istrateġija hija msejsa fuq ħames pilastri ewlenin li huma Governanza tajba u Effettiva, Riżorsa Reġjonali għall-Kunsilli Lokali, Lokalitajiet b'Ambjent Aktar Nadif, Kunsilli Lokali Viċin in-Nies u Prijorità Diġitali fil-Gvern Lokali.

Il-Manifest ta' dan il-Gvern ikompli jibni fuq din l-istrateġija billi jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' kollaborazzjoni aktar effettiva bejn il-Kunsilli Lokali, il-Kunsilli Reġjonali u l-entitajiet tal-Gvern sabiex proġetti u servizzi jitwettqu b'mod aktar koordinat u effiċjenti, ikun hemm allokazzjonijiet finanzjarji aktar adegwati, l-għoti ta' aktar responsabbiltajiet u mezzi biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, kif ukoll billi jippermettilhom li jibbenefikaw direttament minn sorsi ġodda ta' dħul relatati mal-attivitajiet fil-lokalitajiet. Fl-istess waqt, se jitkompla l-investiment fit-taħriġ professjonali tas-Sindki, il-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsilli. Barra minn hekk, il-Gvern qed jippromwovi t-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tal-gvern lokali, inkluż permezz ta' pjattaformi u applikazzjonijiet diġitali li jagħmluha aktar faċli għar-residenti biex jikkomunikaw mal-kunsilli u jirrapportaw il-ħtiġijiet tagħhom.

B’dan l-impenn komprensiv, il-Gvern qed jaħdem biex il-Kunsilli Lokali jkunu aktar effettivi, aktar konxji tal-ħtiġijiet tal-komunitajiet tagħhom u aktar kapaċi jwasslu servizzi ta’ kwalità li jtejbu l-ħajja taċ-ċittadini f’kull lokalità.

Seduta Numru 32
04/11/2026

MCCAA - ILMENTI MRESSQA MILL-KONSUMATURI

2217. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista’ l-Ministru jgħid kemm ġew imressqa ilmenti mill-konsumaturi lill-Awtorità ta’ Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena, b’sena? Jista’ jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti ġew riżolti b’mod amikevoli u kemm minnhom tressqu quddiem it-tribunal matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b’sena?

24/07/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qiegħda tingħata fit-tabella t’hawn taħt:

Ilmenti mressqa mill-konsumaturi*					
Sena	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026 (sal-aħħar t’ Ottubru)**
Numru ta’ ilmenti reġistrati	**1,187**	**1,189**	**1,234**	**1,556**	**1,640**
Riżolti b'mod amikevoli	513	455	478	514	505
Riferuti quddiem it-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur	329	387	398	332	346

* Id-differenza fit-total bejn in-numru ta’ ilmenti reġistrati u t-total ta’ ilmenti riżolti b’mod amikevoli u dawk riferuti quddiem it-Tribunal hija attribwita għal ilmenti li ġew irtirati mill-konsumatur, li nfetħu għal fini informattivi biss, jew li ma setgħux jiġu segwiti minħabba li ma kinux azzjonabbli.

Seduta Numru 32
04/11/2026

FAĊILITÀ KORRETTIVA TA’ KORDIN - ARJA KKUNDIZZJONATA

2218. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx il-pjan biex f’kull ċella u partijiet komuni tal-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin tiġi installata arja kkundizzjonata? Jekk iva, meta se jiġi implimentat dan il-proġett?

24/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-ħabs ta’ Kordin qed tkun installata sistema ta’ ventilazzjoni li tikkontrolla t-temperatura, ħalli timmitiga l-effetti tas-sħana u tal-kesħa.
Waqt li f’ċerta diviżjonijiet dan ix-xogħol huwa lest u beda jitħaddem lura f’Settembru, hemm bnadi oħra fejn ix-xogħol għadu għaddej u mistenni jieħu ftit tal-ġimgħat oħra.

Seduta Numru 32
04/11/2026

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – ĦADDIEMA ĠODDA

2375. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant, sabiex jirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija numru 2372

Seduta Numru 32
04/11/2026

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – ĦADDIEMA ĠODDA

2376. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. ANTON REFALO: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 2372.

Seduta Numru 32
04/11/2026

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – ĦADDIEMA ĠODDA

2377. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2372.

Seduta Numru 32
04/11/2026

MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – ĦADDIEMA ĠODDA

2378. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 8 u tgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tagħha minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 2372.

Seduta Numru 32
04/11/2026

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦADDIEMA ĠODDA

2379. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 2372.

Seduta Numru 32
04/11/2026

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – ĦADDIEMA ĠODDA

2380. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 2372.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – KONSULTAZZJONI MAL-MTA

2643. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) kinitx ikkonsultata dwar il-proposta u dwar l-impatt potenzjali tagħha fuq il-Mellieħa bħala destinazzjoni turistika? Jekk iva, jista' jgħid meta ġiet ikkonsultata, x'parir tat u jqiegħed il-korrispondenza u d-dokumentazzjoni relattiva fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/09/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ngħarraf lill-Onor Interpellant sabiex jirrferi għat-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 2629.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – IMPATT FUQ L-INVESTIMENT TURISTIKU

2644. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid jekk saritx jew hijiex ippjanata evalwazzjoni dwar l-impatt li l-faċilità proposta, it-traffiku addizzjonali, irwejjaħ potenzjali, storbju u attività industrijali oħra jistgħu jkollhom fuq lukandi, ristoranti, operaturi turistiċi, bajjiet u investiment turistiku fil-Mellieħa u l-Għadira? Jekk iva, jista' jqiegħed din l-evalwazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/09/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Intepellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2643.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – SID TAL-ART

2645. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid min huwa s-sid tal-art kollha ta' madwar 19,000 metru kwadru identifikata għall-faċilità proposta? Jista' wkoll jagħti n-numri tal-pjanti u tar-reġistrazzjoni tal-art u jgħid kemm minnha hija proprjetà tal-Gvern, kemm hija mikrija u jekk hemmx art privata involuta?

16/09/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – ART AGRIKOLA

2646. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid jekk xi parti mis-sit propost hijiex art agrikola, hijiex mikrija għal skopijiet agrikoli jew tintużax bħalissa għal skopijiet agrikoli? Jekk iva, jista' jgħid kemm metri kwadri ta' art agrikola ser jintilfu jew jinbidlilhom l-użu bħala riżultat tal-proġett propost?

16/09/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – VALUR STMAT TAL-KONĊESSJONI

2647. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-proċess RAM/001/2026 dwar l-Agricultural Waste Treatment Plant propost fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jikkonferma li l-valur stmat tal-konċessjoni huwiex ta' €511 miljun eskluża l-VAT? Jista' wkoll jispjega fid-dettall kif ġie kkalkulat dan il-valur u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-mudell finanzjarju, il-projezzjonijiet u l-assunzjonijiet li wasslu għal din iċ-ċifra?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – CAPITAL EXPENDITURE

2648. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-Agricultural Waste Treatment Plant propost fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-capital expenditure stmat għall-bini u l-ikkummissjonar tal-faċilità u jekk dan huwiex stmat bejn €70 miljun u €90 miljun? Jista' wkoll jagħti breakdown tal-ispiża kapitali prevista skont il-komponenti prinċipali tal-proġett?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – FEEDERS TAL-ELETTRIKU

2680. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk, qabel il-ħsarat tat-28 ta' Awwissu 2026, kienx hemm xi rapport, test, allarm, technical assessment jew rakkomandazzjoni li indikat degradazzjoni jew riskju ta' failure fuq xi wieħed miż-żewġ cables li sussegwentement ġarrbu ħsara?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Intepellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2674.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – FEEDERS TAL-ELETTRIKU

2681. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'kienet it-tagħbija, f'MW u bħala perċentwal tal-kapaċità massima, fuq kull wieħed mit-tliet feeders li jfornu lil Għawdex fis-sigħat ta' qabel il-ħsara? Tista' tagħti dawn iċ-ċifri fuq bażi ta' siegħa għall-perjodu bejn nofsinhar u nofsillejl tat-28 ta' Awwissu 2026?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Intepellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2674.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – CABLES TAD-DAWL – TEMPERATURE RATINGS U OPERATING LIMITS

2682. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk it-temperature ratings u l-operating limits tal-cables li jfornu lil Għawdex ġewx riveduti fid-dawl tat-temperaturi ogħla u tal-perjodi itwal ta' domanda għolja għall-elettriku li qed jesperjenza pajjiżna?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Intepellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2674.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – SISTEMA TAL-ELETTRIKU

2683. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk is-sistema tal-elettriku li tforni lil Għawdex hijiex iddisinjata biex tibqa' tforni lill-gżira kollha f'każ li feeder wieħed ikun barra mis-servizz? Tista' tgħid ukoll x'livell ta' redundancy hija mfassla biex tipprovdi s-sistema?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Intepellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2674.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – FEEDERS TAL-ELETTRIKU – KAPAĊITÀ MASSIMA

2684. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi l-kapaċità massima tal-feeder ta' 33kV li baqa' operattiv u x'kienet id-domanda f'Għawdex meta seħħ l-inċident ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku li affettwa lil Għawdex fit-28 u fid-29 ta' Awwissu 2026? Tista' tgħid ukoll kemm kien hemm differenza, f'MW, bejn il-provvista disponibbli u d-domanda?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Intepellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2674.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – ĦSARAT FIL-FEEDERS TAL-ELETTRIKU – CONTINGENCY PLAN TAL-ENEMALTA

2685. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-Enemalta kellhiex contingency plan speċifiku għall-eventwalità li żewġ feeders minn tlieta lejn Għawdex ikunu barra mis-servizz simultanjament? Jekk iva, tista' tqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra u tgħid meta ġie ttestjat l-aħħar?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Intepellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2674.

Seduta Numru 32
04/11/2026

DAY VISITORS – INĊENTIV/KONTRIBUT GĦAL-LOKALITAJIET

3794. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi inċentiv jew kontribut maħsub mill-Gvern għal dawk il-lokalitajiet li jkollhom ħafna day visitors u jekk iva, x'se jkun dan l-inċentiv jew kontribut?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għal dak imħabbar fid-diskors tal-Budget għas-sena 2027.

Seduta Numru 32
04/11/2026

CRUISE LINERS – NEFQA MEDJA GĦAL KULL PASSIĠĠIER F'MALTA

3795. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet in-nefqa medja stmata f'Malta għal kull passiġġier tal-cruise liners matul l-ewwel sitt xhur tal-2026?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Intepellant illi l-Ministeru u l-entitajiet tiegħu m'għandhomx l-informazzjoni mitluba.

Seduta Numru 32
04/11/2026

BLUE LAGOON – NUMRU MASSIMU TA' VIŻITATURI PREŻENTI

3796. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru massimu ta' viżitaturi li l-Gvern iqis li jistgħu jkunu preżenti fl-istess ħin fil-Blue Lagoon b'mod sigur u sostenibbli?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 32042 tal-Leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 32
04/11/2026

KEMMUNA – TISBIĦ, PRESERVAZZJONI U SALVAGWARDJA – INVESTIMENT

3797. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'investiment sar f'Kemmuna għat-tisbiħ, preservazzjoni u salvagwardja ta' din il-lokalità sensittiva u ta' preġju kbir, matul is-snin 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninsab infurmat illi l-proġett Blue Lagoon li tniegħda fil-bidu tas-Sajf 2025 ikkonċentra fl-ewwel istant li jtejjeb l-operat, l-indafa, s-sigurta u l-esperjenza ta' min jmur iqatta' ħin fiż-żona tal-Blue Lagoon. Saret sistema ta' booking li biha persuna tirriserva l-ħin tagħha fiż-żona, u ġie kkontrollat in-numru ta' viżitaturi, sar investiment f'diversi faċilitajiet fil-Blue Lagoon kif ukoll fis-servizzi anċillari, tkabret iż-żona ta' l-għawm, filwaqt li Transport Malta għamlet kapitenarija għat-trakkar tad-dgħajjes biex ikun mod ordinat.
Infurmat ukoll li f'dan il-perjodu ġew imfassla pjanti u pjanijiet għal investiment kapitali li se jagħti xejra ġdida liż-żona u jkompli jsaħħaħ l-esperjenza ta' kull min iżurha. Infurmat li dawn il-pjanti bħalissa qegħdin fi stadju ta' applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – STRATEĠIJA TURISTIKA

3798. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux l-intenzjoni jistabbilixxi strateġija turistika separata għal Għawdex li tagħti prijorità lit-turiżmu rurali, kulturali, tal-benesseri, tal-għadis, ekoloġiku u niċeċ oħra ta' valur ogħla?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu bħalissa qed tagħmel reviżjoni tal-istrateġija, li tinkorpora wkoll sezzjoni dedikata għal Għawdex, kif filfatt diġa' hemm bħalissa.
Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – STRATEĠIJA TURISTIKA – LINJI GWIDA

3799. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jekk il-Gvern għandu l-intenzjoni jistabbilixxi strateġija turistika separata għal Għawdex, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-linji gwida ta' din l-istrateġija turistika?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3798.
Seduta Numru 32
04/11/2026

PROĠETTI STRATEĠIĊI – STIMA

3872. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 782 u għal-lista fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 780, jista' l-Ministru jgħid kemm hu stmat li jiswa f'fondi pubbliċi kull proġett strateġiku elenkat fil-lista tal-proġetti strateġiċi kollha, b'mod separat?

20/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 3873.
Seduta Numru 32
04/11/2026

PROĠETTI STRATEĠIĊI – DĦUL

3873. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 783 u għal-lista fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 780, jista' l-Ministru jgħid kemm se jrendu fi dħul fl-ekonomija Maltija kull proġett strateġiku elenkat fil-lista tal-proġetti strateġiċi kollha, matul l-ewwel tliet snin minn wara li jiġu kompluti separatament?

20/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. interpellant li fil-każ tal-Proġetti li ser jingħattaw b'konċessjoni ma hemmx spiża pubblika involuta imma ser jirrendu dħul. Fir-rigward tal-proġetti l-ohra mhuwiex possibli nagħtu indikazzjoni preciza tal-ispiża minħabba li f'ħafna minn dawn il-każijiet, għad qed isiru jew għad iridu jitwettqu l-istudji u l-valutazzjonijiet neċessarji (tekniċi, finanzjarji u ta' fattibbiltà), li mingħajrhom kwalunkwe stima tkun waħda prematura u mhux affidabbli.

Seduta Numru 32
04/11/2026

MARSALFORN – ĠNIEN IT-TLIET GĦOLJIET – PROĠETT

3910. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab il-proġett ta' Ġnien it-Tliet Għoljiet f'Marsalforn, u jgħid:
i. liema xogħlijiet saru s'issa u liema għad iridu jitwettqu;
ii. jekk kienx hemm dewmien fl-implimentazzjoni u x'kienu r-raġunijiet għalih;
iii. x'inhi l-ispiża totali prevista, kemm intefaq s'issa u minn fejn qed jiġi ffinanzjat il-proġett;
iv. jekk il-proġett għadux se jinkludi l-faċilitajiet kollha mħabbra oriġinarjament; u
v. meta hu mistenni jitlesta u l-ġnien jerġa' jinfetaħ għall-pubbliku?

20/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntrattur magħżul permezz ta' sejħa pubblika biex jagħmel ix-xogħlijiet fuq il-proġett tal-Ġnien it-Tliet Għoljiet ma osservax l-iskeda tax-xogħlijiet maqbula, u dan bi ksur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu. Għaldaqstant, il-Ministeru qiegħed jieħu l-miżuri kollha meħtieġa, inklużi dawk ġudizzjarji, sabiex jassigura li l-kuntrattur jonora dawn l-obbligi. Ix-xogħlijiet imwettqa sa issa kienu limitati biss għat-tneħħija tal-materjal qadim. Sal-lum, ma saret l-ebda nefqa fuq dan il-proġett.
Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – TRIQ L-IMĠARR – SPEED HUMPS

3911. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jikkunsidra l-installazzjoni ta' speed humps (sleeping policemen) jew miżuri oħra biex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem, bil-għan li tittejjeb is-sigurtà u jitnaqqsu l-inċidenti tat-traffiku f'din it-triq? Jekk iva, liema miżuri huma ppjanati u meta se jiġu implimentati?

20/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex bħalissa qed jaħdem fuq it-tħejjija ta' sejħa għall-offerti (tender) sabiex jitwettqu interventi fl-infrastruttura ta' Triq l-Imġarr, Għajnsielem, li jinkludu miżuri mmirati biex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi u tittejjeb is-sigurtà fit-triq.
Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – TRIQ L-IMĠARR – SPEED HUMPS

3912. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jikkunsidra l-installazzjoni ta' speed humps (sleeping policemen) jew miżuri oħra biex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem, bil-għan li tittejjeb is-sigurtà u jitnaqqsu l-inċidenti tat-traffiku f'din it-triq? Jekk iva, liema miżuri huma ppjanati u meta se jiġu implimentati?
20/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 3911.
Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – AKKOMODAZZJONI SOĊJALI

3913. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid, fir-rigward ta' Għawdex:
i. kemm hemm proprjetajiet ipprovduti mill-Awtorità tad-Djar għall-akkomodazzjoni soċjali, kemm minn dawn il-proprjetajiet huma okkupati u kemm huma vakanti u disponibbli għall-allokazzjoni;
ii. kemm hemm individwi u familji li bħalissa qed jgħixu f'dawn il-proprjetajiet; u
iii. kemm hemm individwi u familji li qed jibbenefikaw minn għajnuna għall-akkomodazzjoni jew minn sussidji fuq il-kera, b'ċifri separati għal kull skema?

20/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lil Onor. interpellant li fir-rigward ta' Għawdex, l-Awtorità tad-Djar għandha total ta' 338 proprjetajiet residenzjali li jintużaw għall-akkomodazzjoni soċjali. Minn dawn it-338 proprjetà, hemm 21 proprjetà li huma vakanti u 19 minnhom disponibbli għall-allokazzjoni.
Fir-rigward ta' Għawdex, in-numru ta' applikazzjonijiet li bħalissa qed jibbenefikaw mill-għajnuna taħt l-iskemi rispettivi huwa kif ġej:

Housing Benefit Scheme (HBS): 280 applikazzjoni
Skema Kera Protetta (SKP): 28 applikazzjoni

Seduta Numru 32
04/11/2026

KORPI DIXXIPLINATI GĦAWDXIN – MEMBRI

3914. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' membri ta' kull wieħed mill-korpi dixxiplinati li ġejjin, li jinsabu fuq il-lista ta' stennija sabiex jiġu trasferiti biex jaħdmu f'Għawdex:
i. il-Korp tal-Pulizija;
ii. il-Forzi Armati ta' Malta; u
iii. d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili?

20/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li fi ħdan il-Korp tal-Pulizija hemm 154 uffiċjal li huma rreġistrati bħala residenti Għawdex u li huma eliġibbli sabiex jiġu trasferiti biex jaqdu dmirijiethom f'Għawdex, filwaqt, li fil-Forzi Armati ta' Malta hemm 91 persuna residenti Għawdex, li huma eliġibbli sabiex jiġu stazzjonati Għawdex skont il-kriterji stabbiliti.
Min-naħa l-oħra, fi ħdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, fil-preżent ma hemm l-ebda ħaddiem irreġistrat bħala residenti Għawdex li jinsab fuq il-lista ta' dawk eliġibbli sabiex jiġi trasferit biex jaqdi dmirijietu f'Għawdex. It-trasferimenti tal-membri jsiru skont l-esiġenzi tas-servizz u d-disponibbiltà tal-postijiet vakanti.

Seduta Numru 32
04/11/2026

KORP TAL-PULIZIJA – MEMBRI STAZZJONATI F'GĦAWDEX

3915. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm membri fil-Korp tal-Pulizija stazzjonati f'Għawdex matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-membri kienu assenjati xogħol amministrattiv jew xogħol fl-uffiċċju u kemm minn dawn il-membri kienu assenjati dmirijiet operattivi fuq barra?

20/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li n-numru ta' membri fil-Korp tal-Pulizija stazzjonati f'Għawdex matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena kien kif jidher fit-tabella. Din tinkludi dettalji dwar il-membri assenjati xogħol amministrattiv jew xogħol fl-uffiċċju. Dawk il-membri assenjati dmirijiet operattivi fuq barra u CPT huma nklużi.

Data	Total
31.12.2021	111
31.12.2022	112
31.12.2023	118
31.12.2024	123
31.12.2025	126
23.10.2026	129

Seduta Numru 32
04/11/2026

INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – TITJIB FIL-PRODUTTIVITÀ

4053. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 793 u jgħid kif se jiġi vverifikat biex jitkejjel it-titjib fil-produttività li fuqhom ser tkun ibbażata l-għotja addizzjonali relatata mal-Intelliġenza Artifiċjali?

22/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Niforma lill-Onor. Interpellant li, taħt it-tieni sejħa tal-iskema *Digitalise your SME*, l-benefiċjarju huwa meħtieġ li, fl-istadju tal-applikazzjoni, jidentifika u jipprovdi informazzjoni dwar it-titjib mistenni fil-produttività li għandu jirriżulta mill-investiment propost.
Il-kejl tal-produttività mhuwiex ibbażat fuq indikatur finanzjarju wieħed, iżda fuq ir-riżultati effettivi tal-investiment. Dan l-approċċ jieħu inkunsiderazzjoni wkoll il-konsultazzjoni li saret mal-Kmamar tal-Kummerċ u tal-SMEs, fejn ġie enfasizzat li t-titjib fil-produttività jista' jiġi rifless permezz ta' riżultati tanġibbli fin-negozju, fosthom titjib fl-effiċjenza tal-operat u fil-prestazzjoni tan-negozju u mhux biss minn indikaturi fissi bhal 'turnover-to-expenses' per ezempju.
Sena wara li jitlesta l-proġett, il-benefiċjarju jkun meħtieġ jissottometti rapport ta' wara l-implimentazzjoni li juri t-titjib fil-produttività li jkun effettivament inkiseb bħala riżultat tal-investiment fl-Intelliġenza Artifiċjali. Dan jippermetti li r-riżultati miksuba jiġu evalwati u mqabbla mal-benefiċċji u t-titjib fil-produttività identifikati fil-bidu tal-proġett.

Seduta Numru 32
04/11/2026

L-ISKOLA NAZZJONALI TAL-ISPORT – KRITERJI GĦAD-DĦUL – ASSESSJAR

4101. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jispeċifika x'piż jingħata lil kull komponent tal-assessjar tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport, inkluži r-riżultati sportivi preċedenti, it-testijiet fiżiċi, l-assessjar tal-ħiliet tekniċi, il-potenzjal sportiv u r-riżultati akkademiċi, u jindika min jistabbilixxi u japprova dawn il-kriterji?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 4100.

Seduta Numru 32
04/11/2026

L-ISKOLA NAZZJONALI TAL-ISPORT – KRITERJI GĦAD-DĦUL

4102. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kriterji uffiċjali u tal-matrices tal-punteġġi applikati għas-snin skolastiċi 2025/2026 u 2026/2027 li ntużaw għall-evalwazzjoni u l-għażla tal-istudenti li japplikaw biex jidħlu fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li evalwazzjoni u l-għażla tal-istudenti li japplikaw biex jidħlu fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport kienet ibbażata fuq żewġ provi ta' assessjar fil-ħiliet tekniċi tad-dixxiplini sportivi rispettivi tagħhom. (Dan ma jinkludix l-għawm u l-atletika). L-aħjar marka miż-żewġ provi tittieħed għal għażla finali.

Seduta Numru 32
04/11/2026

KUNSILL GĦALL-PROFESSJONI TAL-GĦALLIEMA – LAQGĦAT

4103. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid meta saret l-aħħar laqgħa tal-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema (Council for the Teaching Profession) u meta hija skedata li ssir il-laqgħa li jmiss?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-aħħar laqgħa saret matul ix-xahar ta' Ottubru.

Seduta Numru 32
04/11/2026

KUNSILL GĦALL-PROFESSJONI TAL-GĦALLIEMA – KARIGA TA' SEGRETARJU TAL-KUNSILL

4104. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kariga ta' Segretarju tal-Kunsill (Council Secretary) għall-Professjoni tal-Għalliema (Council for the Teaching Profession) għadhiex vakanti, u jekk fl-affermattiv, għaliex din il-kariga għadha ma mtlietx u meta huwa mistenni li timtela?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li l-persuna uxxenti baqgħet taqdi dan l-irwol filwaqt li ġiet identifikata persuna oħra li ser taqdi dan l-irwol.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦALLIEMA ĠODDA KWALIFIKATI – WARRANT TEMPORANJU

4105. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema ġodda kwalifikati (Newly Qualified Teachers - NQTs) li bħalissa qed jipprattikaw il-professjoni b'warrant temporanju, u jekk jista', jipprovdi din iċ-ċifra maqsuma separatament bejn skejjel tal-Istat, skejjel tal-Knisja u skejjel indipendenti?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦALLIEMA ĠODDA KWALIFIKATI – WARRANTS TEMPORANJI/PENDENTI

4106. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-għalliema ġodda kwalifikati (Newly Qualified Teachers - NQTs) ilhom b'warrant temporanju għal aktar minn sena skolastika, u kemm minnhom għandhom applikazzjoni pendenti għal warrant permanenti?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 32
04/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IL-MOSTA – XOGĦLIJIET FUQ IS-SISTEMA TAD-DRENAĠĠ

4146. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 25339 tal-14-il Leġislatura, tista' l-Ministru tgħid xi żviluppi kien hemm, għal dak li jikkonċerna xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ fl-inħawi, minħabba rapporti kontinwi ta' rwejjaħ fi Triq il-Mosta u l-madwar, f'San Pawl il-Baħar?

23/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li, kuntrarjament għal dak li qed tinsinwa l-Onor. Interpellant, l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma kellha l-ebda rapport relatat ma' rwejjaħ fit-triq indikata. Għal dak li jirrigwarda xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ fl-inħawi nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4147.

Seduta Numru 32
04/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IL-MOSTA – XOGĦLIJIET FUQ IS-SISTEMA TAD-DRENAĠĠ

4147. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 25339 tal-14-il Leġislatura, tista' l-Ministru tgħid fiex wasal ix-xogħol fuq il-mina msemmija fit-tweġiba? Tista' tgħid ukoll kif inhu mistenni li din il-mina tgħaqqad mas-sistema eżistenti, fl-inħawi tax-Xemxija/Pwales?

23/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet relatati mal-kostruzzjoni tal-mina qegħdin javvanzaw skont il-pjan u huwa mmirat li jitlestew is-sena d-dieħla. Din il-mina ser tkun konnessa mal-mejnijiet prinċipali tad-drenaġġ fi Triq San Pawl, fl-inħawi tal-Veċċja. Barra minn hekk, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq il-Mosta, bil-għan li d-drenaġġ ikun jista' jiġi devjat lejn il-mina.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-MELLIEĦA U L-MANIKATA – CHARGING POINTS

4148. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm huwa n-numru ta' charging points li hemm fil-Mellieħa, il-Manikata u f'inħawi oħra li huma fil-limiti tal-Mellieħa? Tista' tgħid ukoll kemm hemm charging points li ġew approvati u li għadhom mhux installati, minkejja li l-maġġoranza tal-infrastruttura neċessarja ilha li saret għal diversi xhur? Tista' tgħid ukoll kemm hemm talbiet li huma pendenti u kemm hu n-numru ta' charging points li huma maħsuba li se jkunu meħtiega għall-bżonnijiet tal-Mellieħa?

23/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li fil-Mellieħa, l-Manikata u nħawi oħrajn fil-limiti tal-lokalità hemm 36 charging point. Qegħdin isiru xogħlijiet fuq 13-il sit ieħor filwaqt li għaddej proċess ta' identifikazzjoni u prijoritizzazzjoni tal-postijiet fejn ser jiġu installati charging pillars ġodda skont il-ħtiġijiet tal-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.

Seduta Numru 32
04/11/2026

LINGWA TAS-SINJALI – INTERPRETI/STUDENTI

4149. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm interpreti tal-lingwa tas-sinjali preżentement? Tista' tgħid ukoll kemm hemm studenti li preżentement qegħdin jistudjaw din il-lingwa u meta hu mistenni li dawn itemmu l-istudji tagħhom?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent hemm 13-il interpretu tal-lingwa tas-sinjali. Fir-rigward tan-numru ta' studenti li qed jistudjaw din il-lingwa, nitlob lill-Onor. Interpellant tindirizza din il-parti tal-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 32
04/11/2026

LINGWA TAS-SINJALI – STUDENTI

4150. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li preżentement qegħdin jistudjaw il-lingwa tas-sinjali? Jista' jgħid ukoll meta hu mistenni li dawn itemmu l-istudji tagħhom?

23/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li preżentament hemm total ta' 65 studenti li qed jistudjaw il-lingwa tas-sinjali.

Seduta Numru 32
04/11/2026

PERSUNI B'ASSISTENT PERSONALI

4151. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni bħalissa li huma approvati li jkollhom assistent personali? Tista' tgħid ukoll kemm minn dawn għandhom assistent personali?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm 736 persuna approvata sabiex tibbenefika minn assistent personali. Din is-sena, sad-data tat-tweġiba ta' din il-mistoqsija parlamentari, 596 minn dawn il-persuni għamlu talba finanzjarja lill-Aġenzija Sapport.

Seduta Numru 32
04/11/2026

HIP REPLACEMENTS

4252. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru hip replacements fl-Isptar Mater Dei, l-Isptar Ġenerali t'Għawdex u sptarijiet privati mħallsin mill-Gvern, fix-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2026?

26/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

OPERAZZJONIJIET TAL-KATARRETTI

4253. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru operazzjonijiet tal-katarretti fl-Isptar Mater Dei, l-Isptar Ġenerali t'Għawdex u sptarijiet privati mħallsin mill-Gvern, fix-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2026?

26/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – SPIŻA U TUL TAL-KONĊESSJONI

4266. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-ispiża stmata tal-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ u kemm se tkun twila l-konċessjoni?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – BIDU TAL-OPERAT

4267. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa ppjanat li jibda l-bini u meta mistennija tibda topera l-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – KAPAĊITÀ TA' PPROĊESSAR

4268. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ hijiex mistennija tipproċessa sa 350,000 tunnellata ta' demel u skart agrikolu fis-sena?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

HERITAGE MALTI – INVENTARJU TA' SITI STORIĊI

4281. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta għandhiex inventarju ta' siti storiċi li jistgħu jintużaw għall-ġbid ta' films u produzzjonijiet televiżivi? Jekk iva, jista' jgħid kemm-il sit jinsab f'dan l-inventarju?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Heritage Malta m'għandhiex inventarju speċifiku ta' siti storiċi maħsuba għall-ġbid ta' films u produzzjonijiet televiżivi. Kull talba għall-użu ta' dawn is-siti għal dan il-għan tiġi evalwata individwalment, filwaqt li dejjem tingħata prijorità lill-konservazzjoni, il-preservazzjoni u l-ħarsien tal-wirt storiku u kulturali tas-siti kkonċernati.

Seduta Numru 32
04/11/2026

HERITAGE MALTA – VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TA' INTERVENTI MAĠĠURI

4282. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk qabel ma jibda proġett maġġuri ta' restawr fuq sit storiku taħt il-kura ta' Heritage Malta, issirx valutazzjoni tal-potenzjal tiegħu bħala location għall-ġbid ta' films? Jekk le, jista' jgħid jekk hux qed jiġi kkunsidrat li tiddaħħal din il-prattika?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tfassil u t-twettiq ta' dawn il-proġetti huma bbażati fuq prinċipji u linji gwida stabbiliti fiċ-Charter internazzjonali dwar il-konservazzjoni u r-restawr, b'mod partikolari dawk maħruġa mill-ICOMOS, u jsiru b'konsultazzjoni dettaljata mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, bħala r-regolatur ewlieni f'dan il-qasam.
Il-prijorità ewlenija ta' Heritage Malta tibqa' l-konservazzjoni, il-preservazzjoni u l-ħarsien tal-integrità storika u arkitettonika tas-siti taħt il-kura tagħha.

Seduta Numru 32
04/11/2026

HERITAGE MALTA – LINJI GWIDA DWAR L-UŻU TA' ELEMENTI MODERNI WAQT IR-RESTAWR TA' SITI STORIĊI

4283. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta għandhiex linji gwida formali dwar l-integrazzjoni ta' elementi moderni, inklużi sistemi tad-dawl, cables, tagħmir tekniku, ħġieġ u elementi oħra kontemporanji, waqt ir-restawr ta' siti storiċi li jistgħu jintużaw għall-filming?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Heritage Malta tibbaża t-tfassil u t-twettiq tal-proġetti ta' restawr fis-siti taħt il-kura tagħha fuq prinċipji u linji gwida stabbiliti f'dokumenti internazzjonali dwar il-konservazzjoni u r-restawr, b'mod partikolari dawk maħruġa mill-ICOMOS, fosthom id-dokument ta' Venezja tal-1964 (International Charter for the Conservation and Restoration of Monuments and Sites).
Fl-integrazzjoni ta' elementi moderni waqt interventi ta' restawr, Heritage Malta timxi fuq prinċipji fundamentali tal-konservazzjoni, fosthom ir-riversibbiltà tal-interventi, fejn teknikament possibbli, l-intervent minimu meħtieġ u d-distinzjoni bejn elementi oriġinali u dawk kontemporanji.
Dawn il-prinċipji għandhom l-għan li jiżguraw li kwalunkwe intervent modern jirrispetta l-karatteristiċi oriġinali tas-sit, filwaqt li titħares l-integrità storika, arkitettonika u kulturali tiegħu.

Seduta Numru 32
04/11/2026

HERITAGE MALTA – KONSULTAZZJONI MAL-KUMMISSJONI MALTIJA GĦALL-FILMS

4284. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta tikkonsultax mal-Kummissjoni Maltija għall-Films qabel ma jiġu approvati interventi maġġuri ta' restawr fuq siti storiċi li huma jew jistgħu jkunu ta' interess għall-industrija tal-films? Jekk iva, jista' jagħti d-dettalji ta' din il-proċedura?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant ghall-mistoqsija parlamentari 4282.

Seduta Numru 32
04/11/2026

HERITAGE MALTA - VALUTAZZJONI TAL-IMPATT WAQT IR-RESTAWR TA' SITI STORIĊI

4285. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk waqt it-tfassil ta' proġetti ta' restawr ta' siti storiċi taħt Heritage Malta ssirx valutazzjoni tal-impatt viżiv tal-elementi moderni li jkunu se jiżdiedu, b'mod partikolari fir-rigward tal-preservazzjoni tal-karatteristiċi li jagħmlu s-sit adattat għall-ġbid ta' produzzjonijiet storiċi?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għan ewlieni tal-proġetti ta' restawr imwettqa minn Heritage Malta huwa l-konservazzjoni, il-preservazzjoni u l-ħarsien tal-integrità storika, arkitettonika u kulturali tas-siti taħt il-kura tagħha.
Kull valutazzjoni li ssir waqt it-tfassil u t-twettiq ta' interventi ta' restawr hija bbażata fuq prinċipji u standards professjonali tal-konservazzjoni, kif stabbiliti f'karti internazzjonali f'dan il-qasam.
Għaldaqstant, kull intervent, inkluża l-introduzzjoni ta' elementi moderni, jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi tas-sit, filwaqt li dejjem tingħata prijorità lill-ħarsien tal-wirt storiku u arkitettoniku tiegħu.
Seduta Numru 32
04/11/2026

HERITAGE MALTA – INSTALLAR TA' ELEMENTI MODERNI

4286. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta tagħtix preferenza lil soluzzjonijiet riversibbli, fejn teknikament u strutturalment possibbli, meta jiġu installati elementi moderni f'siti storiċi, sabiex jiġi evitat li l-karatteristiċi arkitettoniċi u viżivi tas-sit jinbidlu b'mod permanenti?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Heritage Malta tagħti preferenza lil soluzzjonijiet riversibbli, fejn dan ikun teknikament u strutturalment possibbli. Kull intervent jiġi evalwat individwalment, skont il-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi tas-sit u abbażi ta' pariri professjonali, filwaqt li dejjem tingħata prijorità lill-konservazzjoni, il-preservazzjoni u l-ħarsien tal-integrità storika, arkitettonika u viżiva tas-sit ikkonċernat.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-ĦAMRUN – MISRAĦ IS-SEBGĦA TA' ĠUNJU 1919 – XOGĦLIJIET

4296. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru f'Misraħ is-Sebgħa ta' Ġunju 1919, fil-Ħamrun, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2022? Tista' tgħid ukoll min wettaq dan ix-xogħol?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qabel l-intervent ta' riġenerazzjoni li sar fl-2022, iż-żona kienet tintuża bħala parkeġġ. WasteServ, permezz ta' GreenServ, għamlet investiment ta' madwar €1.5 miljun biex iż-żona ġiet trasformata fi spazju aħdar fejn minbarra li tħawwlu siġar u pjanti, kienu installati bankijiet, strutturi għad-dell b'pannelli solari, dawl u punti għall-iċċarġjar t'apparat elettroniku. Il-proġett kien jinkludi wkoll restawr ta' ġibjun li l-ilma tiegħu qed jintuża għat-tisqija u anke faċilitajiet għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi.
Seduta Numru 32
04/11/2026

SANTA VENERA – ĠNIEN ROMEO ROMANO – XOGĦLIJIET

4297. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fil-parti ta' Ġnien Romeo Romano, f'Santa Venera, li nfetaħ għall-pubbliku fl-2022, sa qabel ir-riġenerazzjoni ta' dik is-sena? Tista' tgħid ukoll min wettaq dan ix-xogħol?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qabel ġiet riġenerata l-parti ta' Ġnien Romeo Romano f'Santa Venera li nfetħet fl-2022, din lanqas kienet aċċessibbli għall-pubbliku. Għaldaqstant, ix-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni f'din il-parti tal-ġnien kienu jinkludu xogħlijiet biex saru passaġġi siguri u aċċessibbli, sar restawr estensiv tas-sienja, tal-ġibjun, tal-kanali tal-ilma, tal-ħitan u l-funtani, bandli, kif ukoll tħawwlu aktar siġar taċ-ċitru.

Seduta Numru 32
04/11/2026

ĦAŻ-ŻABBAR – SAN KLEMENT PICNIC AREA – XOGĦLIJIET

4298. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit tas-San Klement Picnic Area, f'Ħaż-Żabbar, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2023? Tista' tgħid ukoll min wettaq dan ix-xogħol?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 1281.

Seduta Numru 32
04/11/2026

ĦAL SAFI – SIT TAL-PICNIC AREA/DOG PARK – XOGĦLIJIET

4299. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit tal-Picnic Area/Dog Park ta' Ħal Safi sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2023? Tista' tgħid ukoll min wettaq dan ix-xogħol?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, wara talba li kien għamel il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi, iż-żona li tinsab f'Ta' Ġawhar ġiet trasformata fi spazju rikreattiv għall-familji, li jinkludi żona għall-pikniks u park għall-klieb.
Ix-xogħlijiet fiż-żona tal-pikniks twettqu minn Ambjent Malta, filwaqt li dawk marbuta mal-iżvilupp tal-park għall-klieb inbdew minn Parks Malta u sussegwentement tkomplew minn Project Green fl-2023.
Ix-xogħlijiet kienu jinkludu l-kostruzzjoni ta' bir, il-preparazzjoni tal-ħamrija, ir-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ, il-ħolqien ta' passaġġi, l-installazzjoni ta' għamara għall-ġnien, ċnut madwar il-park għall-klieb, tagħmir tal-logħob għall-klieb, kameras tas-CCTV u sistema ta' irrigazzjoni, kif ukoll it-tħawwil ta' siġar u arbuxxelli.
Minn meta ġie inawgurat il-ġnien, Project Green ħadet ir-responsabbiltà għall-manutenzjoni kontinwa tas-sit, sabiex dan l-ispazju jibqa' jinżamm fi stat tajjeb għall-benefiċċju tar-residenti u l-familji li jżuruh.

Seduta Numru 32
04/11/2026

BIRŻEBBUĠA – BENGĦAJSA PARK – XOGĦLIJIET

4300. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit ta' Bengħajsa Park, f'Birżebbuġa, sa qabel ix-xogħlijiet tal-ewwel fażi tal-2023? Tista' tgħid ukoll min wettaq dan ix-xogħol?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Park ta' Bengħajsa, f'Birżebbuġa, għadda taħt ir-responsabbiltà ta' Project Green fl-2023 mingħand Infrastructure Malta, li kienet diġà wettqet xogħlijiet ta' preparazzjoni tal-ħamrija u bdiet it-tħawwil tas-siġar fis-sit.
Project Green kompliet bix-xogħlijiet sabiex dan l-ispazju ġie estiż b'aktar minn 2,000 metru kwadru u trasformatu f'park sigur, aċċessibbli u adattat għat-tgawdija tal-familji u r-residenti. Ix-xogħlijiet kienu jinkludu l-installazzjoni ta' ċnut madwar il-konfini tal-park, l-invellar tal-ħamrija u t-tneħħija tal-ġebel, il-ħolqien ta' passaġġi, it-tiswija tal-bir eżistenti, ir-restawr tal-binja li tinsab fis-sit, kif ukoll l-installazzjoni ta' tagħmir tal-logħob għat-tfal. Sar ukoll aktar tħawwil ta' siġar u arbuxxelli biex kompla jittejjeb l-ambjent naturali tal-park.

Seduta Numru 32
04/11/2026

IL-QRENDI – ĠNEJNET NIKOL AQUILINA – XOGĦLIJIET

4301. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fi Ġnejnet Nikol Aquilina, fil-Qrendi, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2023? Tista' tgħid ukoll min wettaq dan ix-xogħol?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sit li llum huwa magħruf bħala Ġnejnet Nikol Aquilina, fil-Qrendi, qabel kien fi stat ta' abbandun. Fl-2022 bdew diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi biex din iż-żona tiġi riġenerata u trasformata fi spazju aħdar għall-benefiċċju tar-residenti.
Sussegwentement, ix-xogħlijiet inbdew fl-2023 u kienu jinkludu t-tindif tas-sit minn skart u materjal ieħor, l-invellar tal-ħamrija u t-tħejjija tagħha għat-tħawwil. Ġew installati wkoll ċnut madwar il-konfini tal-ġnien, bankijiet għall-pikniks, kontenituri għall-iskart u kontenituri apposta għall-iskart tal-klieb.
Għaldaqstant, ħloqna spazju rikreattiv f'żona oħra li qabel kienet abbandunata. Il-ġnien infetaħ għall-pubbliku f'Novembru 2023 u minn dak iż-żmien 'l hawn, Project Green kompliet b'xogħlijiet ta' manutenzjoni kontinwa sabiex dan il-ġnien jbqa' fi stat tajjeb għat-tgawdija tal-komunità.

Seduta Numru 32
04/11/2026

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

4393. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 687 u 980 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

27/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 975.

Seduta Numru 32
04/11/2026

L-IMTARFA – SQAQ IT-TOKK – RESURFACING TAT-TRIQ

4417. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3629 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u tgħid meta se jsir ix-xogħol ta' resurfacing fi Sqaq it-Tokk, fl-Imtarfa u liema aġenzija hija responsabbli għalih?

27/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa li Sqaq it-Tokk huwa propjetà privata.
Seduta Numru 32
04/11/2026

ALLIED HEALTH PRACTITIONERS – SKALI

4418. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3284 u 3845 u jispjega kif inhuma mqassmin l-Allied Health Practitioners bl-iskali, maqsuma professjoni professjoni?

27/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm professjonijiet varji tal-Allied Health. Dawn jinkludu:
• Audiology
• Clinical Perfusion
• Dental Hygiene
• Dental Technology
• Dietetics
• Medical Laboratory Science
• Nutrition
• Occupational Therapy
• Ophthalmic
• Orthotics and Prosthetics
• Physiotherapy
• Podiatry
• Radiography
• Speech and Language Therapy

L-iskali tal-professjonijiet ivarjaw kif ġej:
• Allied Health Professional – Scale 10 / 9
• Senior Allied Health Professional – Scale 8
• Allied Health Practitioner – Scale 7
• Higher Allied Health Practitioner – Scale 6
• Advanced Clinical Allied Health Practitioner – Scale 5
• Executive Allied Health Practitioner – Scale 5

Seduta Numru 32
04/11/2026

SPTARIJIET PUBBLIĊI – SISTEMI ELETTRONIĊI TAL-INFORMAZZJONI – REĠISTRAZZJONI TAL-IMWIET

4419. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3887 u jgħid x'inhuma l-proċeduri fis-seħħ fl-isptarijiet pubbliċi biex il-mewt ta' pazjent tiġi rreġistrata fis-sistemi elettroniċi tal-informazzjoni? Jista' jispeċifika liema sistemi jintużaw, inklużi l-ICM, il-Patient Dashboard, l-EPR u l-Converge, u jispjega kif l-informazzjoni dwar il-mewt ta' pazjent tiġi trażmessa u aġġornata bejn dawn is-sistemi? Jista' jispjega wkoll jekk hemmx differenza bejn meta persuna tmut fid-dar residenzjali tagħha jew fl-isptar?
27/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

REĠISTRAZZJONI TAL-IMWIET – AĠĠORNAMENT AWTOMATIKU JEW MANWALI TAD-DATA

4420. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3888 u jgħid jekk ir-reġistrazzjoni tal-mewt ta' pazjent f'sistema waħda twassalx għal aġġornament awtomatiku tal-istatus tal-pazjent fis-sistemi l-oħra, jew jekk dan jiddependix minn intervent manwali? Jista' jgħid ukoll fejn ikunu meħtieġa aġġornamenti manwali, liema kontrolli huma fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tiġi aġġornata b'mod korrett u fil-ħin?

27/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tingħabar.
Seduta Numru 32
04/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

4421. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3729 u tagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

27/10/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

4422. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3730 u telenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u tispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

27/10/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

4423. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3731 u jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

27/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'xi seduta oħra

Seduta Numru 32
04/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

4424. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3732 u jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

27/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni qed tingabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

4425. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3733 u jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

27/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'xi seduta oħra

Seduta Numru 32
04/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

4426. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3734 u jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

27/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni qed tingabar.

Seduta Numru 32
04/11/2026

TRABI BARRANIN IMWIELDA MALTA

4451. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4038 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà u jgħid liema kienu dawk il-pajjiżi barranin li l-ġenituri b'ċittadinanza ta'dak il-pajjiż kellhom l-akbar numru ta' trabi mwielda f'Malta bejn Jannar u Ġunju 2026?

28/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi d-domanda lil Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 32
04/11/2026

PASSAPORTI MALTIN MAĦRUĠA

4452. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4039 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà u jgħid kemm-il passaport Malti nħareġ bejn Jannar u Ġunju 2026 u jindika kemm inħarġu lil persuni li kienu diġà ċittadini Maltin u kemm lil persuni li kisbu ċ-ċittadinanza Maltija?

28/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Skont l-informazzjoni mibgħuta lili bejn Jannar u Ġunju 2026 nħarġu total ta' 28,882 Passaporti lil ċittadini Maltin.

Seduta Numru 32
04/11/2026

ĊITTADINANZA MALTIJA U PASSAPORT MALTI

4453. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4040 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà u jgħid minn liema pajjiżi oriġinaw il-persuni li kisbu ċ-ċittadinanza Maltija u passaport Malti bejn Jannar u Ġunju 2026, billi jipprovdi n-numru għal kull pajjiż?

28/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nitlob lil Onor. Interpellant biex tagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru konċernat.

Seduta Numru 32
04/11/2026

ĊITTADINANZA MALTIJA PERMEZZ TA' NATURALIZZAZZJONI

4454. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4041 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà u jgħid kemm-il persuna kisbet iċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni bejn Jannar u Ġunju 2026, billi jindika l-pajjiż ta' oriġini ta' kull benefiċjarju?

28/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nitlob lil Onor. Interpellant biex tagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru konċernat.

Seduta Numru 32
04/11/2026

AĠENZIJA AWTONOMA GĦAR-RIĊERKA FIS-SAJD U L-AKWAKULTURA

4528. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal it-twaqqif tal-Aġenzija awtonoma għar-Riċerka fis-Sajd u l-Akwakultura li tħabbret fid-Diskors tal-Baġit tal-2024? Jista' jgħid ukoll kemm investa flus il-Gvern f'din l-Aġenzija minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija Aquatic Resources Malta bdiet topera minn Marzu 2024.

L-investiment finanzjarju tal-Gvern fl-Aġenzija hu tagħrif pubbliku.

Seduta Numru 32
04/11/2026

EEZ – INVESTIMENTI ĠODDA FL-AKWAKULTURA

4529. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid xi żviluppi ta' investimenti ġodda saru fl-akwakultura fiż-Żona Ekonomika Esklussiva (EEZ) mill-2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll xi proġetti ewlenin ġew implimentati kompletament minn meta tħabbret din l-inizjattiva waqt id-Diskors tal-Baġit tal-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li, mill-2024 'l hawn, kompliet il-ħidma preparatorja relatata mal-iżvilupp sostenibbli tal-akwakultura fiż-Żona Ekonomika Esklussiva (EEZ) ta' Malta permezz ta' studji tekniċi, evalwazzjonijiet u konsultazzjonijiet mal-entitajiet relevanti, bil-għan li jiġi stabbilit qafas adegwat għall-investiment fis-settur f'konformità mar-rekwiżiti ambjentali u regolatorji applikabbli. Fl-istess ħin, komplew jiġu avvanzati inizjattivi oħra marbuta mal-iżvilupp tal-akwakultura fil-kuntest tal-proċeduri u l-qafas regolatorju eżistenti.
Fir-rigward tal-inizjattiva mħabbra fil-Baġit 2025, il-prijorità f'dan l-istadju kienet li jitlestew il-preparamenti tekniċi, amministrattivi u regolatorji meħtieġa sabiex il-proġett ikun jista' jimxi għall-fażijiet sussegwenti tiegħu b'mod sostenibbli u responsabbli.

Seduta Numru 32
04/11/2026

PJAN NAZZJONALI GĦALL-ĠESTJONI TAL-ILMA GĦAT-TISQIJA

4530. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'sar mill-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Ilma għat-Tisqija? Jista' jgħid ukoll meta ser jiġi ppubblikat il-pjan kollu?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħidma fuq il-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Ilma għat-Tisqija kompliet tavvanza, bil-għan li jiġi stabbilit qafas nazzjonali li jindirizza b'mod aktar sostenibbli u effiċjenti l-ħtiġijiet tal-ilma tas-settur agrikolu.

Bħalissa, il-Ministeru għaddej bil-ħidma tiegħu u qiegħed ikompli jsaħħaħ il-bażi teknika tal-pjan. Permezz ta' koordinazzjoni mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, intalbet l-assistenza tal-FAO, u żewġ esperti ġew Malta fejn kellhom diskussjonijiet mad-Direttorat tal-Agrikoltura, entitajiet oħra tas-settur pubbliku, esperti lokali u rappreżentanti tas-settur agrikolu. Din il-ħidma tinkludi ukoll kollaborazzjoni maċ-CIHEAM Bari u tikkonsisti fi-ġbir u l-integrazzjoni tad-data dwar l-użu tal-art agrikola, l-iżvilupp ta' sistema ta' GIS mapping, kif ukoll l-użu ta' CROPWAT sabiex jiġu stmati b'mod aktar preċiż il-ħtiġijiet tal-ilma skont l-uċuħ tar-raba', iż-żona u l-perjodu tas-sena.

Fl-istess waqt, diġà ttieħdu passi konkreti fil-ġestjoni tal-ilma għat-tisqija. Fost dawn hemm l-introduzzjoni ta' sistema fejn l-allokazzjoni tan-New Water qed tintrabat mal-pjanijiet tal-uċuħ tar-raba' tal-bdiewa, sabiex l-ilma disponibbli jkun jista' jiġi amministrat b'mod aktar ġust, effiċjenti u marbut mal-ħtiġijiet agrikoli effettivi.

Seduta Numru 32
04/11/2026

MIŻURI KONTRA L-ĦELA TAL-IKEL

4531. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri estensivi ttieħdu mill-Gvern kontra l-ħela tal-ikel, minn Jannar tal-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 2190.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – LANDING SITES TAS-SAJD – IMMODERNIZZAR

4532. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'interventi infrastrutturali saru biex jiġu mmodernizzati l-landing sites tas-sajd f'Għawdex minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed tigi migbura.

Seduta Numru 32
04/11/2026

GĦAWDEX – AĊĊESS GĦAL SPIERI PUBBLIĊI GĦALL-BDIEWA U RAĦĦALA

4533. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm individwi li ngħataw aċċess ikkontrollat għal spieri pubbliċi li ma għadhomx jintużaw f'Għawdex u fejn għad ma hemmx provvista diretta ta' New Water, matul l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-individwi kienu bdiewa u raħħala ġenwini jew bdiewa u raħħala żgħażagħ?

28/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 32
04/11/2026

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

GĦAQDIET VOLONTARJI – FTEHIM MAL-GVERN

W788. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid xi ftehim għandu l-Gvern ma' għaqdiet volontarji? Tista' tgħid ukoll kemm kienet in-nefqa għas-sena 2025 u kemm hi stmata li se tkun in-nefqa għas-sena 2026?

30/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fit-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 4045, li tinkludi l-lista tal-ftehimiet ta' sħubija soċjali, magħrufa bħala Public Social Partnerships (PSPs), li għandu dan il-Ministeru. Nirreferiha wkoll għad-dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fit-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 3747, li jinkludi l-lista tal-iskemi maħruġa mill-Ministeru u mill-MCVS.

Seduta Numru 32
04/11/2026